**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Marzu 2022**

Rikors Numru: 257/21 AL

AB

vs

CB

(MR Number 199/1994)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti izzewwget lill-intimat fid-9 ta' Gunju 2000, Dok A huwa iccertifikat taz-zwieg;

2. Illi iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkissier irrimedjabilment tant li il-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datat 2 ta' Gunju 2011. - Dok B.

3. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn hames snin;
4. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

5. Illi manteniment adegwat ghat-tfal qed jigi imhallas mill-intimat ghalkemm ghad hemm xi pendenzi ta' manteniment u spejjez ohra li huma dovuti.

6. Illi l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt li titlob u tottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili; qed jigi anness affidavit li qed jigi markat bahal Dok C.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li iz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Gunju 2000 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta li ġie kkonfermata bil-gurament mir-intimat li permezz taghha jikkonferma:

1. Illi fl-ewwel lok jiddikjara li huwa ma jopponix ghat-talba ghax-xoljiment taz-zwieg *de quo agitur* u jiddikjara in oltre illi m'hemm assolutament ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni.
2. Illi fit-tieni lok jiddikjara li huwa assolutament ma jaqbilx ma' dak imtenni fil-hames paragrafu tar-Rikors promotur fis-sens illi "ghad hemm xi pendenzi ta' manteniment u spejjez ohra li huma dovuti" u jiddikjara li l-manteniment sallum huwa mhallas ghas-saldu li ma hemm ebda spejjez ohra minnu dovuti lir-rikorrenti.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Lulju 2021;

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-ġuramentata mill-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Gunju 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment u dan kif dikjarat mill-Avukat Ray Zammit, l-avukat difensur tar-rikorrenti waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2022;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.